MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 17/2008

**J.E.M. Investments Limited.**

**vs.**

**Avukat Generali u b'digriet tat-22 ta' Mejju 2008 gie kjamat in kawza Norman Buckle in rapprezentanza tas-socjeta` Chevron Ltd u l-istess Norman Buckle u Victor Balzan bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` B & B Property Development Company Ltd.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors kostituzzjonali tas-socjeta' J.E.M. Investments Limited (C6861) datat 18 ta' Marzu 2008 a fol. 1 tal-process fejn esponiet:-

Illi b'sentenza tat-28 ta' April 2006 fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Borg fil-kwalita` tieghu ta' Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` J.E.M. Investments Limited vs. Norman Buckle fil-kwalita` tieghu ta' Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Chevron Limited u l-istess Norman Buckle u Victor Balzan bhala Diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` B and B Property Development Company Limited"** (Citazzjoni Numru 672/1992), l-Onorabbli Qorti tal-Appell irriformat sentenza tat-12 ta' Dicembru 2002 moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili Prim'Awla u ddikjarat "li l-ammont dovut mill-konvenuti lill-attur *nomine* jammonta ghas-somma ta' sittax-il elf, mitejn tnejn u tletin lira Maltin disgha u disghin centezmu (Lm16,232.99)" u kkundannat lill-konvenuti jhallsu *"in solidum"* bejniethom dan l-ammont lill-attur *nomine* bl-imghax kif mitlub mill-15 ta' Marzu 1989".

Illi fl-14 ta' Lulju 2006 l-attur *nomine* pprezenta rikors ghal ritrattazzjoni tal-kawza fi grad ta' appell, u dan a bazi tal-kawzali illi s-sentenza kienet milquta minn zball li jidher mill-atti **(Art. 811(l))**.

Illi b'sentenza tas-26 ta' April 2007 l-Onorabbli Qorti tal-Appell cahdet it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti J.E.M. Investments Limited, bl-ispejjez kontra taghha.

Illi l-fatti li taw lok ghal dan ir-rikors kostituzzjonali huma fil-qosor dawn:-

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tat-28 ta' April 2006 strahet fuq dokument "C" (a fol.27 sa 29 tal-atti tal-kawza Citazzjoni Numru 64/90) konsistenti fi *statement of account*.

Illi fl-imsemmi dokument "C", ghalkemm dan gie pprezentat mis-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta Chevron Limited giet kreditata b'zewg (2) pagamenti partikolari - Lm2,806 u Lm6,000 datati 24 ta' April 1997 u 8 ta' Marzu 1998 rispettivament - bi zball in kwantu dawn iz-zewg pagamenti (Lm2,806 u Lm6,000) ma kienux saru

minn Chevron Limited izda minn haddiehor u ma kellhomx x'jaqsmu.

Illi dan l-izball ma sarx minhabba xi traskuragni da parti tas-socjeta` attrici J.E.M. Investments Limited izda minhabba li Norman Buckle ghal Chevron Limited naqas li jaghti taghrif dettaljat dwar id-depoziti li kienet qieghda taghmel Chevron Limited jew terzi ghan-nom taghha fil-kont bankarju tas-socjeta` attrici J.E.M. Investments Limited. Ghalhekk, is-socjeta` attrici kellha tipprepara d-dokument "C" *by trial and error*.

Illi s-somma dovuta ghall-iskadenza tas-26 ta' Marzu 1989 kienet ta' sebgha u ghoxrin elf, tliet mija u sebgha u ghoxrin Liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm27,327.10). L-Onorabbli Qorti tal-Appell bi zball akkordat biss l-ammont ta’ sittax-il elf, mitejn u tnejn u tletin Liri Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm16,232.99). B'hekk is-socjeta` rikorrenti fadlilha tiehu hdax-il elf, u erbgha u disghin Liri Maltin u hdax-il centezmu (Lm11,094.11).

Illi mill-atti tal-kawza jirrizulta li z-zewg kontendenti effettivament qablu illi dawn iz-zewg pagamenti ma sarux minn Chevron Limited u illi ma kellhomx jitqiesu fil-komputazzjoni tal-bilanc attwalment dovut lis-socjeta` J.E.M. Investments Limited - cirkostanza din li giet injorata kompletament mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tat-28 ta' April 2006.

Illi dan kollu gie rikonoxxut mis-socjeta` Chevron Limited meta fi prospett ipprezentat mill-konvenut Norman Buckle *nomine* bil-gurament, immarkat dokument "NB 1" (fol. 34 tal-atti tal-kawza Citazzjoni Numru 64/90), li kien juri l-pagamenti maghmula, dawn iz-zewg pagamenti ma gewx inkluzi. Kien hawn illi s-socjeta` rikorrenti rrealizzat li kien hemm zball fid-dokument "C". Fil-prospett dokument "NB 1" intitolat "Payments to J.E.M. Investments Limited by Chevron Limited" il-konvenut Norman Buckle *nomine* eskluda bl-aktar mod car iz-zewg pagamenti ta’ Lm2,806 u Lm6,000 li s-socjeta` attrici kienet inkludiet bi zball fid-dokument "C" ipprezentat minnha. Barra minn hekk, kull meta xehed Norman Buckle, dan qatt ma attribwixxa

dawn iz-zewg pagamenti bhala li kienu gejjin minn Chevron Limited.

Illi s-socjeta` attrici kienet hadet zball car meta inkludiet l-imsemmija zewg ammonti ta’ Lm2,806 u Lm6,000, liema zewg ammonti ma kienux hlas ta' Chevron Limited.

Illi *stante* li l-kontendenti kienu qablu li d-dokument "C" kien fih dawn iz-zewg figuri zbaljati u *inoltre*, dan id-dokument kien gie superat billi gew pprezentati *statements of account* ohra bil-ghan li konsenswalment jirrettifikaw l-izball li sar, kien biss b'rizultat ta' zball car da parti tal-Onorabbli Qorti tal-Appell illi dan id-dokument b'figuri zbaljati gie minnha adottat biex tistrieh fuqu fid-deliberazzjonijiet taghha.

Illi l-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili imkien ma jimpedixxi lill-parti li tkun ipprezentat dokument li jkun fih xi zball milli tigbed l-attenzjoni tal-Qorti ghall-izball li jkun hemm.

Illi tant kien hemm konkordanza u qbil bejn iz-zewg kontendenti illi l-ammonti ta' Lm2,806 u Lm6,000 ma kienux pagamenti ta' Chevron Limited u kienu gew imnizzlin bi zball illi, fis-seduta tat-22 ta' April 1996 quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell, gie rregistrat dan il-verbal:

"Meta ssejjah l-appell dehru l-partijiet, Joseph Borg kien assistit minn Dr. Edward Debono, u deher Prof. Ian Refalo ghall-konvenuti.

Il-kontendenti jaqblu illi ghall-fini ta' din il-kawza d-divergenza dwar il-konteggi tista' tigi limitata ghall-provi tal-pagament *o meno* ta' tliet ammonti minn hamsa mhux accettati mill-appellant Borg. Dan fis-sens illi jekk wara jigi finalment jirrizulta illi l-ammont pretiz kien dovut fil-mument tal-prezentata tac-citazzjoni, it-talba tigi milqugha indipendentement mill-konteggi finali tal-kontendenti...."

Dawn il-pagamenti li l-partijiet qeghdin jirreferu ghalihom huma s-segwenti:

Pagament ta' Lm500
Pagament iehor ta' Lm500
Pagament ta' Lm3,750,
liema tliet (3) pagamenti gew inkluzi minn Norman Buckle fil-prospett pprezentat minnu Dok. "NB 1".

Ghalhekk, m'hemmx dubju li Chevron Limited accettat li l-pagamenti indikati mis-socjeta` rikorrenti (Lm2,806 u Lm6,000) bhala mnizzlin hazin, fil-fatt ma kienux saru minn Chevron Limited jew ghan-nom taghha.

Illi meta l-Onorabbli Qorti tal-Appell giet biex tiddeciedi t-talba ghal ritrattazzjoni tal-kawza fi grad ta' appell, minflok ma sewwiet l-izball gudizzjali minkejja li kienet ingibditilha l-attenzjoni taghha ghalih, ikkonkludiet illi fis-sentenza attakkata l-Onorabbli Qorti tal-Appell kellha kull dritt li "taghzel prova minflok ohra".

Minn dan kollu jirrizulta illi s-socjeta` rikorrenti ma kellhiex process gust.

Illi b'hekk, il-Qorti qieset id-dokument "C" fl-interezza tieghu bhala wiehed li setghet tistrieh fuqu, mentri fir-realta` d-dokument "C" ma kienx wiehed li seta' jkompli jitqies bhala korrett fl-interezza tieghu - u fuq dan il-kontendenti kienu effettivament qeghdin jaqblu, kif iddikjaraw quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell.

Illi indubjament l-izball fid-dokument kien wiehed evidenti jekk wiehed isegwi l-provi migjuba fir-rigward tal-kreditu tas-socjeta` attrici. L-izball gudizzjali kien wiehed li seta' jigi evitat minn ezami tal-atti processwali. Ghalhekk, kien hemm apprendiment ta' fatt zbaljat fuq dokument li l-partijiet kienu rispettivament urew li ma kienx korrett ghal kollox. Il-Qorti ma setghetx tistrieh fuq id-dokument meta l-kontendenti kienu konkordi dwar il-fatt li gew inkluzi zewg pagamenti li ma kellhomx x'jaqsmu mad-debitu ta' Chevron Limited.

Illi ladarba kien irrizulta mill-atti processewali illi z-zewg ammonti ta' Lm2,806 u Lm6,000 ma sarux minn jew ghan-

nom ta' Chevron Limited - punt li hu pacifiku bejn il-kontendenti - l-Onorabbli Qorti tal-Appell taht l-ebda cirkostanza ma setghet tqies figuri rizultanti minn zball bhala "pagamenti" verament ezistenti u validament maghmula.

Illi mill-fatti hawn fuq spjegati jidher car illi s-socjeta` rikorrenti ma kellhiex process gust - u dan kemm in rigward tas-sentenza tat-28 ta' April 2006 kif ukoll in rigward tas-sentenza tas-26 ta' April 2007 li kellha ssewwi l-izball gudizzjali u naqset li taghmel dan.

Illi l-ebda sentenza ma tikseb l-awtorita` ta' gudikat meta tkun appellata jew ritrattata, u fil-kaz odjern l-izball seta' jissewwa fl-istadju tar-ritrattazzjoni kieku l-Onorabbli Qorti tal-Appell qieset sewwa l-atti tal-kawza. Izda minflok, il-Qorti stess irrimarkat f’pagna 10 tas-sentenza tas-26 ta' April 2007:

"Illi filwaqt li l-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata moghtija fit-12 ta' Dicembru 2002, strahet fuq il-prospett imressaq f’April tal-2002, biex tqis is-siwi tat-talba tar-rikorrenti, <u>din il-Qorti</u>, fis-sentenza li taghha qieghed jintalab it-thassir u s-smigh mill-gdid tal-appell, <u>qaghdet fuq l-ewwel prospett hawn fuq imsemmi</u>, u kif ukoll irriferiet ghal prospett iehor imressaq mill-intimati (ukoll fi stadju tal-appell) fil-kawza l-ohra b'nota tat-30 ta' Mejju 1996, imma li qatt ma tressaq fl-atti ta' din il-kawza;”

Din hija ammissjoni cara li d-dokument li ghalih is-socjeta` rikorrenti kienet attirat l-attenzjoni tal-Qorti minhabba l-izball li kien fih baqa' jkompli jitqies bhala d-dokument li fuqu kellha toqghod. Din allura ma kenitx kwistjoni ta' "jekk hi taqbilx jew le mal-mod kif il-Qorti tkun waslet ghall-fehmiet taghha fis-sentenza attakkata" (pagna 11 tas-sentenza tas-26 ta' April 2007) izda kwistjoni ta' jekk zball daqshekk ovvju kellux jithalla jibqa' ghaddej minkejja t-talba maghmula tempestivament biex il-kawza tigi ritrattata. Appuntu ghalhekk, is-sentenza tat-28 ta' April 2006 ma kellhiex titqies bhala *'res judicata'*, kif giet erronejament ikkunsidrata fis-sentenza tas-26 ta' April 2007 (pagna 11) fejn intqal:

"Illi dan kollu jingabar taht ir-regola li huwa mixtieq u mehtieg li jkun hemm ic-certezza tad-dritt u fejn kawza tkun inqatghet b'sentenza li tkun ghaddiet f'gudikat din m'ghandhiex titwaqqa' kif gieb u lahaq, imma biss ghal ragunijiet serji u gravi. Dan kollu mbaghad jissejjes fuq il-massima li *res judicata pro veritate habetur*."

L-oppost kellu jigi ritenut, u cioe` kif insibu fil-gurisprudenza (**Carmelo Cassar Parnis vs. Gustavo Soler**, 11 ta' Marzu 1949, Qorti Civili Prim'Awla per Onor. Dr. A.V. Camilleri):

"Illi huwa risaput illi meta sentenza tghaddi *'in giudicato'* - u sentenza tal-Ewwel Qorti tghaddi definitivament *'in giudicato'* meta *'finem controversiarum pronunciationem judicis accepit'* (*L. 1 Dig. de re judic. 42.1*) u kwindi meta jew ma tkunx appellata jew ritrattata, jew meta, anki jekk appellata jew ritrattata, tigi konfermata u mhux revokata, salvi l-kazi tar-riforma, li m'hemmx bzonn nitkellmu fuqhom - tkun xi tkun dika s-sentenza, skont id-Dritt Modern hija tigi vestita u mlibbsa virtwalment b'karattru assolut ta' veridicita" -*'res judicata pro veritate habetur' . . .*"

Ghalhekk, wiehed ma jistax jitkellem dwar *'res judicata'* kemm-il darba jkun ghad hemm pendenti talba ghal ritrattazzjoni pprezentata fiz-zmien preskritt mil-ligi. Dak ikun ghadu z-zmien li fih zball gudizzjali jkun jista' jissewwa.

*Inoltre*, wiehed ma jistax jitkellem dwar "skrutinju mill-gdid" kemm-il darba jkun ghad hemm pendenti talba ghal ritrattazzjoni bbazata fuq zball li attwalment jezisti fl-atti tal-kawza u li ghalhekk jidher mill-atti.

Illi fl-ahharnett u minghajr pregudizzju ghal dak kollu premess, is-socjeta` rikorrenti ma kellhiex process gust, u dan peress li l-izball gudizzjali baqa' ma ssewwiex. Dan - .

(i) sew jekk l-izball kien jaqa' taht **is-subinciz (l) tal-artikolu 811** li a bazi tieghu saret it-talba ghar-ritrattazzjoni, u sew jekk le,

(ii) sew jekk il-fatt zbaljat kien punt li gie kkontestat u deciz fis-sentenza attakkata u sew jekk ma kienx,

(iii) sew jekk il-Qorti ghamlet ezercizzju interpretattiv tal-provi u sew jekk hija ghazlet li tapplika u tistrieh fuq dokument li kien fih zball li dwaru kienet ingibditilha l-attenzjoni taghha.

Ghaldaqstant, is-socjeta` rikorrenti J.E.M. Investments Limited titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti dawk ir-rimedji kollha necessarji, taghmel dawk l-ordnijiet u tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex id-drittijiet fondamentali taghhom jigu protetti billi:-

1. Tiddikjara illi d-dritt taghha ghal smigh xieraq garantit mill-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u mill-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319)** gie vvjolat kemm bis-sentenza tat-28 ta' April 2006 kif ukoll bis-sentenza tas-26 ta' April 2007 moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza Citaz. Nru. 672/92 fuq imsemmija;

2. Tordna l-hlas ta' somma lis-socjeta` rikorrenti bhala kumpens xieraq, li tkun tinkludi l-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf, tmien mija u tnejn u erbghin ewro u tnejn u tletin cents (€25,842.32) ekwivalenti ghal Lm11,094.11 rapprezentanti l-ammont li ghadu dovut lis-socjeta` rikorrenti, bl-interessi mis-26 ta' Marzu 1989 sad-data tal-pagament effettiv, kif ukoll l-ispejjez gudizzjarji tal-kawza Citazzjoni Numru 672/1992.

Bl-ispejjez.

Rat li dan ir-rikors kien appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-8 ta’ April 2008.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali datata l-ewwel (1) ta' April 2008 a fol 11 tal-process fejn espona: -

1. Illi huwa m'huwiex edott mill-fatti allegati fir-rikors in risposta li jikkoncernaw dak li (skont l-attur) gara fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Borg noe vs Norman Buckle noe et noe"** (Citazz. Nru 672/1992) u ghalhekk jitlob illi (i) jigu allegati l-atti tal-imsemmija kawza u (ii) jigu kjamati fil-kawza l-persuni li kienu konvenuti fl-imsemmija kawza.

2. Illi l-azzjoni hija irritwali u inammissibbli in kwantu hija prezentata bhala azzjoni ghad-danni intavolata kontra l-Istat minhabba allegat zball f'sentenza meta huwa car illi sentenza tal-Qorti, anke jekk (biss ghall-grazzja tal-argument) tikser il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni, qatt ma tista' fiha nnifisha tikkostitwixxi fatt illecitu illi jaghti lok ghall-hlas ta' danni. It-talba ghal forma u ammont specifiku ta' kumpens hija ghalhekk prematura u nfondata *stante* illi l-kumpens huwa haga diskrezzjonali f'idejn il-Qorti *in vista* ta' dak li jkun irrizultalha meta tkun iddecidiet dwar il-meritu, jekk ikun il-kaz.

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jissottometti li din il-kawza hija wkoll abuziva u frivola u vessatorja *stante* li l-mertu tar-rikors promutur huwa l-istess mertu tal-procedura ta' ritrattazzjoni fil-kawza **"Joseph Borg vs Norman Buckle noe et noe"** (Citazz Nr 672/1992) u ghalhekk jidher car li r-rikorrenti qed jittentaw ihassru jew 'jappellaw' minn dik is-sentenza li cahdet it-talba taghhom ghal ritrattazzjoni u dan permezz ta' din il-procedura specjali u kostituzzjonali.

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, minn ezami tar-rikors promotur jirrizulta illi din il-kawza hija ntiza biex suppost jissewwa allegat zball illi l-attur *nomine* jghid li hadet il-Qorti tal-Appell fid-decizjoni tal-kawza Cit 672/1992 fuq imsemmija. Illi l-attur *nomine* qieghed isostni illi gialadarba sar dan l-allegat zball is-sentenza in kwistjoni hija affeta mid-difett tan-nuqqas ta' smigh xieraq. Illi dan ma jsegwix. Illi d-dritt ghas-smigh xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi fil-meritu izda jiggarantixxi biss l-aderenza ma' certi principji

procedurali (indipendenza u imparzjalita` tal-Qorti u tal-gudikant, *audi alteram partem* u smigh u pronuncjament tas-sentenza fil-pubbliku) illi huma konducenti ghall-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja. Izda l-funzjoni tal-Qorti fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha m'hijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati ohra biex tiddeciedi jekk dawn gewx decizi 'sewwa' jew le izda hija limitata ghall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea. Illi dak allegat mill-attur *nomine* huwa illi s-sentenza giet deciza 'hazin' u din l-allegazzjoni ma tistax wahedha teradika ksur tad-dritt ghas-smigh xieraq u ghalhekk, anke ghal din ir-raguni biss, it-talbiet in risposta ghandhom jigu michuda.

5. Subordinatamentu minghajr pregudizzju ghall-premess illi l-azzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt *stante* illi ma sehh ebda 'zball' fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell u dan ukoll kif jirrizulta mis-sentenza fuq it-talba ghar-ritrattazzjoni. Illi fi kwalunkwe kaz, kull allegat difett ta' 'smigh xieraq' li seta', biss ghall-grazzja tal-argument, kien hemm fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell, gie rimedjat meta l-attur *nomine* inghata smigh xieraq fis-sentenza ta' ritrattazzjoni illi kellha l-potenzjal illi twassal ghat-thassir tal-istess sentenza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri meta l-esponent ikun aktar edott mill-fatti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti fejn fis-seduta tat-22 ta’ Mejju 2008 il-Qorti ordnat l-kjamat in kawza Norman Buckle fil-kwalita` tieghu ta’ Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Chevron Limited u l-istess Norman Buckle u Victor Balzan bhala Diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` B & B Property Development Company Limited.

Rat ir-risposta tal-kjamat in kawza Norman Buckle [257746M] fil-kwalita` tieghu ta' Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Chevron Balzan u l-istess Norman Buckle u Victor Balzan [485338MJ bhala Diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' B & B

Property Development Company Limited, datata 25 ta’ Awwissu 2008 a fol 20 tal-process fejn esponew: -

Illi fil-21 ta' Awwissu 2008, l-esponenti Norman Buckle, ircieva kopja tar-rikors Kostituzzjonali ta' J.E.M. Investments Limited fejn l-istess socjeta` JEM tippretendi li d-drittijiet taghha ghal smigh xieraq gew vjolati flimkien ma kopja tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qonti tal-22 ta' Mejju 2008, *ai termini* ta' liema digriet l-esponenti nghata erbat ijiem (4) ghar-risposta;

Illi filfatt l-esponenti ma nghatax kopja tar-risposta tal-Avukat Generali ghar-rikors ta' JEM Investments Limited u ghandu bzonn iktar zmien sabiex jaghmel risposta dettaljata kif jixtieq, izda sabiex jadempixxi ruhu mad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti qieghed jaghti r-risposta fil-qosor bla pregudizzju li jaghmel sottomissjonijiet iktar dettaljati fi stadju iehor, ukoll wara li tigi notifkata bl-atti kollha ta' din il-kawza:

Illi t-talbiet tas-socjeta` esponenti huma kompletament infondati fll-fatt u fid-dritt;

Illi effettivament is-socjeta` attrici JEM Investments Limited resqet diverzsi pretenzjonijiet ta' krediti kontra l-esponenti, permezz ta' diverzsi kawzi u f’dawn il-kawzi gew esibiti numru ta' kontijiet li ghalkemm kienu konfermati bil-gurament ta' direttur ta' JEM Investments Limited kellhom diverzi kontradizzjonijiet;

Kien proprju ghal dan ir-raguni li l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza taghha tas-28 t'April 2006, wara li ezaminat u studjat b'mod dettaljat l-atti tal-kawza u l-kawzi annessi maghha ddikjarat is-segwenti:

*Dan pero` ma jaqbilx ma’ dak li nsibu li l-attur indika bhala dovut fl-'istatement' pprezentat minnu stess fil-proceduri Citaz. Nru 64/90 (Dok “C” fol. 27-29 tal-process imsemmi). Infatti hemm insibu li, wara li l-attur ghamel il-konteggi kollha dwar dhul u imghax akkumulat, hemm jghid li fil-15 ta' Marzu 1989 l-ammont bilancjali dovut mill-konvenuti kien ta' Lm46,421.57 u cioe` Lm9295.62 anqas*

*mill-ammont li isssa qed jghid li kien dovut f'dik id-data.* ***Din il-Qorti jidhrilha li ghandha tadotta bhala korrett l-"istatement" ezebit fil-proceduri Citaz Nru 46/90 mhux biss ghax dan l-istatement sar vicin hafna d-data relevanti izda wkoll billi dan gia` jifforma mertu ta' proceduri li gew decizi minn din il-Qorti.***

Illi ghalhekk l-esponenti jissommetti bir-rispett li s-socjeta` attrici JEM Investments Limited ma tistax tilmenta minn nuqqas li kien ikkagunat minnha stess u ghalhekk il-pretenzjoni taghha hija irrita, frivola u vessatorja;

Illi *inoltre* jigi rilevat li l-lanjanzi tal-attur huma ndirizzati ghall-meritu u bl-ebda mod ma juru li kien hemm xi nuqqas li b'xi mod seta' jirrendi s-smigh mhux xieraq;

Illi ghaldaqstant filwaqt li l-esponenti jirrizervaw li jressqu s-sottomissjonijiet taghhom f'iktar dettal f'data ulterjuri kif tidderighom din l-Onorabbli Qorti u wara li jigu notifikati bl-atti kollha tal-kawza jesponu bir-rispett li t-talbiet attrici huwa nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-11 ta' Frar 2010 fejn Dr. Tonio Azzopardi talab l-allegazzjoni tal-process Citaz. Nru 672/90 deciza fit-28 ta' April 2006 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell u fejn il-Qorti laqghet it-talba.

Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti datat 25 ta' Marzu 2009 a fol 66 tal-process fejn talbet li jigu allegati wkoll l-atti tal-kawza Citazzjoni Numru 64/90 deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell sabiex b'hekk meta jsiru l-mistoqsijiet lil Norman Buckle fis-seduta li jmiss ix-xhud ikun jista' jigi muri dokumenti fiz-zewg processi u l-Qorti b'digriet taghha datat 20 ta' Awissu 2010, ikkonfermat b'din is-sentenza laqghet it-talba.

Rat il-verbal tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti fejn fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2010 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Mark Refalo ghall-kjamat in kawza Norman Buckle; Joseph Borg ghan-nom tas-socjeta' rikorrenti assistit minn Dr. Tonio Azzopardi, u Dr. Marvic Sciberras Abdilla ghall-Avukat Generali. Id-difensuri

trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-9 ta’ Novembru 2010.

Rat l-atti tal-kawza Citaz. Nru 672/92 fl-ismijiet Joseph Borg nomine vs Norman Buckle et noe” deciza fit-12 ta’ Dicembru 2002 (P.A. (TM)) u d-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell datata ta’ 28 ta’ April 2006 fejn t-talba attrici gie milqugha fl-ammont ta’ Lm16,232.99, u dik tal-istess Qorti wara rikors ta’ ritrattazzjoni 26 ta’ April 2007.

Rat l-atti tal-kawza Citaz. Nru. 64/90 fl-ismijiet Joseph Borg nomine vs Norman Buckle et noe” deciza fil-5 ta’ Ottubru 1993 (P.A. (JF)) u d-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell datata 16 ta’ Dicembru 2003.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-kawza illi ghandha quddiemha din il-Qorti hija msejsa fuq l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta** kif ukoll fuq l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta).**

Illi s-socjeta` rikorrenti fil-fatt qieghed taghmel zewg talbiet – permezz tal-ewwel wahda, is-socjeta` rikorrenti qieghda titlob lil din il-Qorti tiddikjara illi d-dritt taghha ghal smigh xieraq garantit permezz tal-artikoli hawn imsemmija gie vjolat b’zewg sentenzi cioe` permezz tas-sentenza fl-ismijiet **“Joseph Borg noe vs Norman Buckle noe et nomine”** moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-28 ta’ April 2006 kif ukoll bis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell tas-26 ta’ April 2007 fl-istess ismijiet wara talba ghal ritrattazzjoni mis-socjeta` rikorrenti (Citazzjoni Numru: 672/92). Ir-rikorrenti qieghed f’din is-sede jitlob

ukoll illi din il-Qorti tordna l-hlas ta' somma ta' hamsa u ghoxrin elf u tmien mija u tnejn u erbghin ewro u tnejn u tletin centezmu (€25,842.32) ekwivalenti ghal hdax-il elf u erba' u disghin Lira Maltin u hdax-il centezmu (LM11,094.11). Dan l-ammont, skont ir-rikorrenti, jirrapprezenta l-ammont li ghadu dovut lilha, inkluz l-interessi u spejjez gudizzjarji u dan ghandu jithallas lilha bhala kumpens xieraq.

Illi min-naha tieghu, l-intimat jirribatti t-talbiet attrici permezz tar-risposta tieghu (fol. 11) b'numri ta' punti u in succint, jghid illi t-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda peress illi *inter alia* l-kawza intavolata mir-rikorrenti hija irrita u nulla peress illi hija prezentata bhala azzjoni ghad-danni kontra l-Istat minhabba allegat zball f'sentenza – meta sentenza qatt ma tista' fiha nnifisha tikkostitwixxi fatt illecitu li jaghti lok ghad-danni. Jghid l-intimat illi ghalhekk it-talba ghall-forma u ammont specifiku ta' kumpens hija prematura u infondata *stante* li l-kumpens huwa haga diskrezzjonali f'idejn il-Qorti. L-intimat jirrispondi wkoll billi jghid illi r-rikors promotur ghandu l-istess mertu tal-procedura ta' ritrattazzjoni fil-kawza **"Joseph Borg noe vs Norman Buckle noe et noe"** (Citaz. Nru. 672/1992) u ghalhekk r-rikorrenti qieghda tittenta thassar jew tappella minn dik is-sentenza li cahdet it-talba taghha ghar-ritrattazzjoni permezz ta' din il-procedura kostituzzjonali. Jghid ukoll l-intimat illi ma jsegwix lanqas l-argument tas-socjeta` rikorrenti illi gjaladarba sar l-allegat zball fis-sentenza (Citaz. Nru. 672/1992) mela ghalhekk din is-sentenza hija affetta minn nuqqas ta' smigh xieraq. Jghid l-intimat illi d-dritt ghas-smigh xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi fil-mertu izda jiggarantixxi biss l-aderenza tal-Qorti ma' certi principji procedurali illi jwasslu ghall-amministrazjoni tajba tal-gustizzja. Jghid l-intimat illi l-Qorti f'din is-sede ghandha l-kompitu illi tara kienx hemm ksur jew le tad-drittijiet sanciti fil-Kostituzzjoni ta' Malta jew fil-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem mhux li tirrevedi s-sentenzi tal-Qrati l-ohra biex tiddeciedi jekk dawn gewx decizi sewwa jew le. *Inoltre* jirrispondi billi jghid illi fil-mertu, din l-azzjoni hija nforndata in kwantu ma sar l-ebda zball fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell u dan jghid hu kif jirrizulta mis-sentenza ghar-ritrattazzjoni. Jghid

illi jekk semmai seta' kien hemm nuqqas ta' smigh xieraq hekk kif allegat mir-rikorrenti, dan gie rimedjat meta r-rikorrenti inghatat smigh xieraq fis-sentenza ta' ritrattazzjoni illi setghet fil-fatt twassal ghat-thassir tal-istess sentenza.

Illi f'din il-kawza, gew kjamati s-socjetajiet Chevron Limited u B & B Property Development Company Limited u permezz tar-risposta taghhom (fol. 20) irrispondew illi t-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li skont huma s-socjeta` rikorrenti ma tistax tilmenta minn nuqqas li kien ikkagunat minnha stess. Jirrispondu wkoll illi l-lanjanza tar-rikorrenti huma indirizzati ghall-mertu u bl-ebda mod ma juru xi nuqqas li seta' jrendi s-smigh mhux xieraq.

Illi mill-atti jirrizulta illi hemm tliet sentenzi fl-ismijiet **"Joseph Borg noe vs Norman Buckle nomine et nomine"** l-ewwel wahda deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Cvili fit-12 ta' Dicembru 2002 fejn il-Qorti iddecidiet billi laqghet t-tieni talba tas-socjeta` attrici (is-socjeta` rikorrenti f'dawn il-proceduri) u kkundannat lis-socjetajiet konvenuti jhallsu *in solidum* bejniethom lill-attur *nomine* is-somma ta' tlieta u sittin elf u sitt mija u hamsa u hamsin ewro u ghaxar centemzi (€63,655.10) ekwivalenti ghal sebgha u ghoxrin elf tliet mija u sebgha u ghoxrin Lira Maltin u ghaxar centezmi (LM27,327.10), bl-imghaxijiet legali kif mitluba. Illi sussegwentement is-socjetajiet kjamati in kawza f'dawn il-proceduri (konvenuti fil-proceduri hawn imsemmija) ressqu appell li gie deciz bis-sentenza tas-26 ta' April 2006 fejn il-Qorti tal-Appell laqghet l-appell taghhom billi rriformat is-sentenza appellata u ddikjarat li l-ammont dovut kien jammonta ghal sebgha u tletin elf u tmien mija u tnax-il ewro u sebghin centezmu (€37,812.70) ekwivalenti ghal sittax-il elf u mitejn u tnejn u tletin Lira Maltin u disgha u disghin centezmu (LM16,232.99). Illi sussegwentement is-socjeta` rikorrenti ressqet rikors ghal ritrattazzjoni u dan a bazi tal-fatt illi s-sentenza tas-26 ta' April 2006 mghotija mill-Qorti tal-Appell kienet milquta minn zball ai termini tal-**Artikolu 811 (l) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** u b'sentenza tas-

26 ta' April 2007, l-Onorabbli Qorti tal-Appell cahdet it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti bl-ispejjez kontra taghha.

Illi kif jidher mir-rikors promotur, ir-rikorrenti qieghda tibbaza l-ilment taghha fuq is-segwenti allegazzjonijiet:-

Illi fis-sentenza tat-28 ta' April 2006, l-Onorabbli Qorti tal-Appell strahet fuq dokument - Dokument "C" (fol 27 *et sequitur* fl-atti tal-kawza citazz. nru. 64/90) - konsistenti fi *statement of account* fejn f'dan l-imsemmi dokument, li gie pprezentat mis-socjeta` rikorrenti jinghad li fih kien sar zball peress illi s-socjeta` rikorrenti erronjament akkreditat lis-socjeta Chevron Limited b'zewg pagamenti – ta' sitt elef u hames mija u sitta u tletin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€6,536.22) ekwivalenti ghal elfejn tmien mija u sitt Liri Maltin (LM2,806) u tlettax-il elf u disa' mija u sitta u sebghin-il elf ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€13,976.24) ekwivalenti ghal sitt elef Lira Maltin (LM6,000). Is-socjeta` rikorrenti ssostni illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell akkordat biss l-ammont ta' sittax-il elf ewro mitejn u tnejn u tletin Liri Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm16,232.99) meta kellha tordna l-hlas ta' sebgha u u ghoxrin elf u tliet mija u sebgha u ghoxrin Liri Maltin u ghaxar centezmi (LM27,327.10). Skont is-socjeta` rikorrenti l-kontendenti qablu illi z-zewg pagamenti msemmija ma sarux u li ghalhekk ma kellhomx jitqiesu fil-komputazzjoni tal-bilanc dovut lis-socjeta` rikorrenti – fatt li skont is-socjeta` rikorrenti gie njorat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell.

Illi s-socjeta' rikorrenti tallega li dan l-izball gie anke rikonoxxut mis-socjeta` Chevron Limited meta pprezentat dokument (Dok. "NB1" (fol 34 fic-citaz. nru. 64/90) li kien juri l-pagamenti maghmula u dawn iz-zewg pagamenti ma gewx inkluzi. Tikkontendi ghalhekk is-socjeta` attrici illi gjaladarba Dok. "C" gie ssuperat billi gew prezentati *statements of account* ohra bil-ghan li konsenswalment jirretifikaw l-izball, l-Onorabbli Qorti tal-Appell ma kellhiex tkompli tistrieh fuq dak id-dokument. Skont is-socjeta` rikorrenti l-konkordanza bejn il-kontendenti tidher fil-verbal tas-seduta tat-22 ta' April 1996 quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell. Ghalhekk is-socjeta` rikorrenti qieghda ssostni

li ma kellhiex process gust u dan bi ksur tad-dritt taghha ghal smigh xieraq.

Illi fid-dawl tal-ilment imressaq mis-socjeta` rikorrenti, jehtieg illi din il-Qorti tara jekk fil-fatt dak illi s-socjeta` rikorrenti qieghda ssejjah zball kemm mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fejn trattat r-rikors tal-appell tat-28 ta' April 2006 u kemm f'dik tas-26 ta' April 2007, jistax jigi kkunsidrat bhala bazi ta' allegat ksur tad-dritt ghal smigh xieraq o meno garantit mill-kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea.

Illi l-parti tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** li tidher illi hija rilevanti ghall-kaz in ezami hija **sub-inciz (2)** illi jipprovdi illi:-

*"Kull qorti jew awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli".*

Illi filwaqt illi l-parti rilevanti fl-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta)** tinsab fl-**sub-inciz (1)** li jipprovdi illi:-

*"Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal ndipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista' jigi eskluz mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, ta' l-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'socjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew safejn ikun rigorozament mehtieg fil-fehma tal-qorti f'cirkostanzi specjali meta l-pubblicità tista' tippregudika l-interessi tal-gustizzja".*

Illi minn qari ta’ dawn iz-zewg artikoli, it-tnejn invokati mis-socjeta` rikorrenti, huwa car illi l-legislatur qieghed jiggarantixxi d-dritt ta’ kull individwu li jkollu smigh xieraq fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti imwaqqaf bil-ligi. L-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** fil-fatt, b’differenza ghall-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni**, jaqra illi smigh xieraq ghandu jinghata minn qorti jew awtorita` ohra gudikanti mwaqqfa b’ligi.

Illi huwa llum accettat illi l-kuncett ta’ smigh xieraq huwa wiehed kumpless u huwa l-assjem ta’ diversi elementi tul il-process gudizzjarju illi flimkien jiggarantixxu dan id-dritt lil minn jressaq procedura quddiem il-Qorti. Din il-Qorti tinnota illi minkejja li l-lanjanza tar-rikorrenti giet spjegata mil-lat ta’ allegazzjoni ta’ fatti, fl-ebda punt tar-rikors promotur ma huwa indikat liema element ta’ smigh xieraq kien fl-opinjoni tas-socjeta’ rikorrenti karenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell u ghalhekk is-socjeta’ rikorrenti tidher illi qieghda thalli f’idejn din il-Qorti tasal ghal x’seta’ wasal ghal dan l-allegat ksur.

Illi ghalhekk din il-Qorti ser ikollha tghaddi sabiex taghmel kunsiderazzjonijiet fuq l-principji ewlenija illi jikkostitwixxu l-elementi kostituttivi ghad-dritt ta’ smigh xieraq b’mod illi tkun finalment tista’ tasal ghall-konkluzjonijiet taghha dwar liema principju *semmai* ma giex osservat mill-Qorti u dan wara kollox sabiex finalment jigi ezaminat u deciz jekk l-lanjanza tas-socjeta` rikorrenti tikkostwixxix ilment gustifikat jew le.

Illi l-Qrati lokali u anke l-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem kellhom diversi okkazzjonijiet li fihom trattaw l-dritt ghal smigh xieraq. Fil-fatt dak li jikkostitwixxi smigh xieraq jew le gie trattat minn din il-Qorti diversament presjeduta fost ohrajn fis-sentenza **“Francis X. Aquilina vs L-Avukat Generali et”** (P.A. (G.V.) – 30 ta’ Mejju 2002) fejn il-Qorti ghamlet referenza ghal **Guide to European Convention on Human Rights** ***(K. Reid)*** u qalet illi:-

*“The key principle governing Article 6 guarantees is fairness. The notion of a fair trial is always to ensure or*

*contribute to ensuring the fairness of the proceedings as a whole".*

Illi qalet ukoll illi:

*"Hu principju stabbilit li anke fl-istadju ta' appell, fejn dan id-dritt hu koncess, is-smigh tal-kawza jrid ikun ukoll wiehed xieraq, biex jigu salvagwardjati d-drittijiet fondamentali".*

*"Biex wiehed japprezza jekk proceduri humiex xierqa jew le, wiehed m'ghandux ihares biss lejn xi nuqqasijiet procedurali li jokkorru imma jekk, fl-assjem taghhom, il-proceduri kienux jew le kondotti b'gustizzja fis-sostanza u fl-apparenza."*

Illi din l-istess Qorti hekk kif presjeduta fis-sentenza **"Kenneth Brincat vs Avukat Generali et"** (P.A. (RCP) – 10 ta' Jannar 2003), sentenza illi minkejja illi titratta l-kuncett ta' smigh xieraq mil-lat tar-rekwizit ta' tribunal indipendenti u mparzjali, titfa' dawl fuq il-kuncett shih ta' smigh xieraq u sostniet li:-

*"… xorta jista' jinghad li l-elementi kollha ta' dan id-dritt ma jistax jigu definiti a priori u specifikatament stante li l-istess principju hawn kawtelat huwa tassew wiesgha tant li inghad li:-*

*"It is a nebulous concept which absorbs other elements not explicitly mentioned in Article 6 but which are considered essential for deciding whether a fair hearing has occurred on the particular facts of a given case".*

*"The right to a fair hearing requires a court to appreciate impartially all the matters of fact and of law submitted to it by both parties with reference to the particular issue which it is called upon to decide, since, as held by the European Commission, it is not possible to state in the abstact the content of this requirement."* (**"The Right To Be Heard By An Independent and Impartial Tribunal"** ***(1997) Dr. Roberta Gauci LL.D)".***

Illi *inoltre* fil-ktieb **"Article 6 of the European Convention on Human Rights – The Right To A Fair Trial**" ta' ***Andrew Grotrian*** jinghad illi:-

*"The requirement of fairness covers the proceedings as a whole, and not only those in an oral hearing. The question of whether a person has had a 'fair hearing' is thus approached by looking at the whole proceedings, although a particular incident may have a decisive effect."*

Illi ineffetti l-imsemmija awtur jelenka il-principji li jinkorpora fih l-imsemmi **Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja** u dawn jikkonsistu *inter alia* f':-

*"The most established right added to Article 6 (1) is the principle of the equality of arms. This is important to understand the operation of the underlying principle of 'fairness' and although it is not explicitly expressed in Article 6(1) it is necessarily implied. This concept comprises the idea that each party should have an equal opportunity to present his case and that neither party should enjoy any substantial advantage over his opponent. This concept of equality of arms was first mentioned in the* ***Neumaister case*** *(27/6/1968) and has been a feature of Article 6 (1) ever since. The Commission has expressed the principle in respect of both criminal and non-criminal cases and in the context of civil cases between private parties, the Court has said:-*

*"The court agrees with the Commission that as regards litigation involving opposing private interests, equality of arms implies that each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case – including his evidence – under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis a vis his opponent." (**"Dombo Beheer BV vs The Netherlands"**, 27 ta' Ottubru 1993)".*

*Omissis*

*"Illi mbaghad hemm drittijiet ohra li johorgu minn dan l-artikolu fosthom il-kuncett ta' "judicial process", id-dritt ta' "an oral hearing"; kif ukoll id-dritt illi d-decizjoni tkun motivata li fis-sentenza kif jirrizulta mis-sentenza* ***"Francis X. Aquilina vs. L-Avukat Generali et"*** *(P.A. (S.K.) (RCP) – 30 ta' Mejju 2002) li ghaliha qed issir riferenza u fejn tali principji gew trattati."*

*Omissis*

*"Illi jinghad li fil-kaz* ***"Findlay vs. United Kingdom"*** *(E.H.R.R. – 25 ta' Frar 1997), il-Qorti elenkat b'mod car x'inhuma r-rekwiziti sabiex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li kien hemm smigh xieraq minn tribunal indipendenti u mparzjali:-*

*"(a) The Court recalls that in order to establish whether a tribunal can be considered as "independent", regard mustbe had 'inter alia' to the manner of appointment of its members and their term of office, the existence of guarantees against outside pressures and the question whether the body presents an appearance of independence".*

*"(b) As to the question of "impartiality", there are two aspects to this requirement. First, the tribunal must be subjectively free of personal prejudice or bias. Secondly, it must also be impartial from an objective viewpoint, that is, it must offer sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt in this respect".*

*"(c) The concepts of independence and impartiality are closely linked and the Court will consider them together as they relate to the present case."*

*"Illi l-Kummissjoni f'dak il-kaz kompliet issostni li f'dawn il-kazijiet anki l-apparenzi jistghu jkunu importanti ghaliex hemm fin-nofs il-fiducja li l-Qorti trid tispira fil-persuna li ghandha proceduri quddiemha u dak li hu*

*decisiv huwa jekk il-biza' ta' l-applikant dwar in-nuqqas ta' imparzjalita` tistax titqies bhala "oggettivament gustifikabbli".*

Illi l-Kummissjoni qalet ukoll li *"in certain cases the link between the concepts of independence and objective impartiality are such that if a tribunal fails to offer the requisite guarantees of independence it will not satisfy the test for objective impartiality."*

Illi dan kollu gie kkonfermat fit-28 ta' Ottubru 1998 fis-sentenza l-ohra tal-Qorti Ewropeja citata mir-rikorrenti fl-ismijiet "**Ciraklar vs Turkey**"." Dwar dan il-punt, hija ta' rilevanza wkoll is-sentenza fl-ismijiet "**Valletta Estates Agent Limited et vs L-Awtorita` tal-Ippjanar et"** (P.A. (R.C.P.) – 29 ta' Mejju 2008).

Illi *inoltre* jehtieg li jinghad illi fil-kaz in ezami ma jidhirx illi fil-fatt il-lanjanza tar-rikorrenti tirrigwarda n-nuqqas ta' indipendenza jew imparzjalita` tal-Qorti. Fil-fatt il-lanjanza tar-rikorrenti tirrigwarda prova dokumentarja li ressqet hija stess u li skont hi ma kellhiex tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti peress illi hija kienet infurmat lill-istess Qorti bi zbalji ta' konteggi li kien fih l-istess dokument. Ghalhekk jidher illi l-lanjanza tar-rikorrenti tirrigwarda iktar il-mod kif il-Qorti eziminat il-provi prodotti quddiema u d-diskrezzjoni li hija uzat saviex tasal ghall gudizzju taghha fit-trattazzjoni u fil-motivazzjoni taghha kemm fl-istadju ta' appell f'dak ta' ritrattazzjoni.

Illi f'dan ir-rigward, din il-Qorti tezamina wkoll il-lanjazna tas-socjeta' rikorrenti fid-dawl tal-principju iehor tal-gustizzja naturali u cioe` dak ta' l-*audi alteram partem* u hawn issir riferenza ghall dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Anthony Mintoff vs L-Avukat Generali et"** (P.A. (T.M) – 7 ta' Lulju 2004) fejn l-ilment tar-rikorrenti f'dak il-kaz kien jirrigwarda ksur ta' dritt ta' smigh xieraq peress illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, wara li ammettiet provi favur l-appellanti, irrifjutat li tippermetti lill-esponent (l-appellat) jipproduci provi biex jirribatti l-provi ammessi eccezzjonalment fi stadju ta' appell favur l-appellanti. F'din il-kawza, minkejja li gie prezentat rikors fejn l-appellat

talab li jigu ammessi tali provi minhabba l-principju ta' *"equality of arms",* l-Onorabbli Qorti tal-Appell rrifjutat l-ammissjoni ta' provi min-naha tal-appellat. Ghalkemm dan huwa ferm differenti mill-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti llum, xorta wahda l-insenjamenti ta' dik il-Qorti japplikaw ghall-kaz odjern u fl-istess kaz saret riferenza ghal varji sentenzi ta' rilevanza fuq dan il-punt u fejn l-istess Qorti qalet hekk:-

*"Din il-Qorti fil-kawza importanti "***Antonio Sammut vs John Bell McCance***", deciza fid-29 ta' Mejju, 1946 (Kollez. Vol. XXXII.II.350), osservat hekk fuq din ir-regola:-*

*"Ir-regola 'audi alteram partem' ghandha tigi skrupolozament osservata, u l-partijiet ghandhom id-dritt li ijkunu prezenti fl-investigazzjonijiet li jaghmel id-delegat tal-Board, biex ikunu jistghu jikkontrollaw l-informazzjoni li jigu moghtija lil dak id-delegat ghall-finijiet ta' dik l-investigazzjoni".*

*"l-vjolazzjoni tar-regola 'audi alteram partem' taghti lok ghas-sindikat tal-Qrati ordinarja, li jistghu, anzi ghandhom jirritjenu null dak li jkun sar in konsegwenza tal-vjolazzjoni. Din ir-regola 'audi alteram partem' hija regola ta' gustizzja naturali u bhala tali hija ta' interess pubbliku, u ghalhekk ma hix rinunzjabbli 'per impliciter' billi jinghad illi kien hemm akkwijixxenza mill-parti li giet pregudikata bil-vjolazzjoni ta' dik ir-regola".*

*"Tant hu importanti dan il-principju, li r-regola li n-nullita ta' sentenza m'ghandhiex tigi attiza jekk is-sentenza tkun sostanzjalment gusta, hi meqjusa li ma tapplikax f'kaz ta' vjolazzjoni ta' dan il-principju. Lord Wright fil-kawza ingliza,* ***"General Medical Council vs Spackman"****, decisa mill-House of Lords fl-1943 osserva:-*

*"If the principles of natural justice are violated in respect of any decision it is, indeed, unimaterial whether the same decision would have been arrived at in the absence of the departure from the essential principles of justice. The decision must be declared to be no decision".*

Illi dwar dawn l-implikazzjoni ta' din ir-regola, hafna jiddependi minn natura tat-tribunal u tal-kaz li jkun qed jigi mistharreg. ***Lord Denning, bhala Master of the Rolls***, kien qal fil-kawza **"R. vs Gaming Board for Great Britain ex p. Benaim et"**, deciza mill-***Queen's Bench*** fl-1970 li *"it is not possible to lay down rigid rules as to when the principles of natural justice are to apply: nor as to their scope and extent. Everything depends on the subject matter".* Pero', bhala minimu, kif qal l-istess ***Lord Denning***, din id-darba fil-***House of Lords*** fil-kawza **"Kanda vs Government of Malaya"**, deciza fl-1962, *"He must know what evidence has been given and what statements have been made effecting him: and then he must be given a fair opportunity to correct or contradict them".*

Illi l-awturi ***Wade & Farsyth***, fil-ktieb "**Administrative Law**" (Oxford University Press, 7th Edit.) jghidu a pagna 538 li:-

*"when an oral hearing is given, it has been laid down that a tribunal must (a) consider all relevant evidence which a party wishes to submit; (b) inform every party of all the evidence to be taken into account, whether derived from another party or independently: (c) allow witnesses to be questioned; (d) allow comment on the evidence and argument on the whole case. Failure to allow the last two rights, which include the right of cross-examination, has led to the quashing of punishments awarded by prison visitors in a series of cases".*

*Omissis*

*"Illi l-awtur* ***B.L. Jones*** *fil-ktieb "****Garner's Administrative Law****" (Butterworths, 7th Edit. p. 179), meta jitkellem fuq il-principju ta' "audi alteram partem" fil-kuntest ta' proceduri gudizzjari quddiem Qrati, jghid li, bla dubju ta' xejn, dan il-principju jimplika:-*

*"Clear and timely advance notice of charges or the case to be met, all evidence upon which the decision is to be*

*based to be openly available to affected parties, opportunities to make representations to counter such changes or allegations, to produce witnesses, and to cross-examine witnesses produced by the other side; no hearing of one side in the absence of the other; and, in appropriate cases, the opportunity to be represented by a lawyer".*

*Illi fil-gurisprudenza lokali ntqal li d-dritt tas-smigh moghti liz-zewg partijiet f'kawza irid jinghata fit-termini tar-regoli tal-ligijiet procedurali – "**Farrugia vs Wismayer**", deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-25 ta' Gunju, 1997.*

*Omissis*

*"Fil-kawza "**Power Projects Ltd vs Stephen Agius**" (P.A. (PS), deciza minn din il-Qorti fis-16 ta' Gunju, 2003, intqal li; "jkun hemm ksur tal-principju ta' 'audi alteram partem' jekk jew il-parti ma tkunx inghatat l-opportunita' tressaq il-provi taghha, jew fejn ix-xhieda moghtija minn parti wahda ma tkunx setghet tigi kontrollata mill-parti l-ohra minhabba nuqqas ta' opportunita'"; dawn il-principji ittiehdu mid-decizjoni tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **"Leone Misrahi et vs Rosaria Cassar et"**, deciza fl-10 ta' Gunju, 1966."*

Illi f'dan is-sens huma ta' rilevanza wkoll is-sentenza fl-ismijiet **"Onorevoli Mhallef Dottor Anton Depasquale vs Aukat Generali"** (Q.K. - 19 ta' Settembru 2001) li wkoll trattat fid-dettall il-principju ta' *equality of arms* fis-sens li dan *"has been a feature of Article 6 (1) ever since. It requires a fair balance between the parties and applies to both civil and criminal cases. In the context of civil cases between private parties the Court has said: "The Court agrees with the Commission that as regards litigation involving opposing private interests, 'equality of arms' implies that each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case – including his evidence – under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis-à-vis opponent".*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami kif ukoll minn ezami tal-atti nnifishom, jidher illi fis-sentenza tat-28 ta' April 2006 ma jidher bl-ebda mod illi l-Qorti b'xi mod naqset milli taghti opportunita` lis-socjeta' rikorrenti milli trressaq il-provi taghha. Jidher car illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell waslet ghall-konkluzjonijiet taghha wara li ghamlet apprezzament tal-provi mressqa, u l-apprezzament tal-provi huwa u ghandu jkun fid-diskrezzjoni u kompetenza taghha.

Illi huwa sintomatiku li kif ikkummentat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-istadju ghar-ritrattazzjaoni fis-sens illi f'dik is-sede il-Qorti ma kellhiex terga' twettaq ezercizzju ta' ezami tal-provi, wisq inqas m'ghandha din il-Qorti f'din is-sede terga ghal darb'ohra tiftah is-smigh tal-provi meta jidher car illi f'dan il-kaz ma kienx hemm lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq. Din il-Qorti ma ghandhiex tigi kjamata sabiex tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Qrati f'kompetenza ordinarja, u lanqas ghandha tissindika l-apprezzament ta' provi kif sar mill-Qrati ordinarji, nkluz dik ezercitata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell u dan ghaliex ir-rimedju kostituzzjonali ma huwiex u ma ghandux jigi uzat bhala appell ulterjuri minn decizjoni ta' appell minn sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell.

Illi fil-fatt id-dritt ghas-smigh xieraq jiggarantixxi l-aderenza tal-Qorti ma' certi principji procedurali illi jwasslu ghall-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja. Kif jghid l-intimat il-Qorti f'din is-sede ghandha l-kompitu illi tara kienx hemm ksur jew le tad-drittijiet sanciti fil-**Kostituzzjoni ta' Malta** jew fil-**Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem** mhux li tirrevedi s-sentenzi tal-Qrati l-ohra biex tiddeciedi jekk dawn gewx decizi sewwa jew le.

Illi *inoltre* ma tistax din il-Qorti ma tosservax dak illi qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-proceduri ta' ritrattazzjoni u cioe':-

*"Illi minn ezami bir-reqqa ta' dak li sehh matul il-kors tas-smigh tal-kawza fi stadju tal-appell, din il-Qorti ssib li dan m'huwiex kaz fejn is-sentenza li nghatat kienet l-effett ta' zball, imma kien kaz fejn il-Qorti sabet li, ghall-kuntrarju ta'*

*dak li tallega r-rikorrenti, dak id-dokument kien wiehed li kien ta' min joqghod fuqu u jaccettah aktar mid-dokumenti kollha li tressqu mill-partijiet sa dak inhar, u tat ukoll ir-ragunijiet ghaliex ghamlet din l-ghazla. Dan kien ezercizzju ghal kollox interpretattiv, bl-applikazzjoni tar-regoli tal-ligi, ezercizzju li jsir minn kull gudikant, taqbel jew ma taqbilx mieghu. Mhux kwestjoni ta' zball li jidher "ictu oculi" mill-atti tal-kawza, izda konkluzjoni li din il-Qoti setghet tasal ghaliha billi taghzel prova minflok ohra, u, b'zieda ma' dan, timmotiva dik l-ghazla taghha b'ragunijiet li m'humiex irragonevoli jew kontra l-logika;"*

Illi l-istess tghid din il-Qorti fis-sede u kompetenza taghha hawn adita, u dan peress li jidher li s-sentenzi mertu ta' dawn il-proceduri jidhru u effettivament jissodisfaw l-elementi kollha ta' kuncett ta' smigh xieraq ghaliex iz-zewg partijiet gew moghtija l-opportunita' li jressqu l-provi taghhom, li jaghmlu is-sottomissjonijiet taghhom, u li jikkonducu l-kaz taghhom, b'mod li l-Qorti tat kull opportunita' lil kull parti sabiex tressaq il-kaz taghha, u fis-sentenza taghha mmotivat id-decizjoni taghha billi strahet fuq dawk il-provi li skont il-konvinzjoni taghha wasslu ghad-decizjonijiet taghha, u b'hekk l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell tat is-sentenzi taghha, wahda ta' appell minn sentenza tal-Qorti ta' Prim Istanza u l-ohra mill-istess Qorti fil-parametri ta' procedura ta' ritrattazzjoni a bazi tal-**artikolu 811 (l)** u minn qari tal-istess sentenzi jirrizulta li l-ebda wiehed mill-principji hawn elenkati, u li huma mehtiega sabiex individwu jinghata smigh xieraq, ma gew b'xi mod mittiefsa, u minn ezami tal-fatti, ghalhekk din il-Qorti thoss li l-vantazzjoni tas-socjeta' rikorrenti ma tistax tigi kkunsidrata bhala gustifikabbli bhala ilment dwar ksur tad-dritt taghha ghal smigh xieraq, u lanqas biss ma taqa' fil-parametri tal-istess, anke jekk tali kuncett jittiehed taht it-tifsira tieghu l-iktar wiesgha.

Illi fil-fatt mill-att promotorju jidher li dak li qed tittenta taghmel is-socjeta' rikorrenti huwa li tappella mis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, kemm dik fil-procedura normali u kemm fil-procedura ta' ritrattazzjoni u b'hekk l-istess socjeta' rikorrenti qed tittenta tiehu rimedju iehor u ulterjuri fid-dritt civili u tuzah fil-kamp tad-dritt

kostituzzjonali, haga li ovvjament ma hijiex permessa f'din is-sede.

Illi fil-fatt jekk wiehed ihares lejn il-lamenteli tas-socjeta' rikorrenti, jirrizulta li dan l-ilment medesimu gie mpoggi quddiem, ezaminat u trattat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-proceduri ghal ritrattazzjoni u ghalhekk certament din il-Qorti ma tistax isservi ta' qorti ta' revizjoni ghal Onorabbli Qorti tal-Appell, hekk kif tidher illi qieghda tittenta titlob is-socjeta' rikorrenti permezz tat-talba taghha quddiem din il-Qorti. L-istess jinghad dwar il-procedura u s-sentenza ta' ritrattazzjoni.

Illi ghalhekk din il-Qorti qed tichad l-ewwel talba ghaliex hija manifestament infondata fil-fatt u fid-dritt u konsegwentement it-tieni talba tas-socjeta' rikorrenti, li permezz taghha qieghda titlob illi din il-Qorti tordna l-hlas tas-somma li ghandha tinkludi s-somma ta' hamsa u ghoxrin elf tmien mija u tnejn u erbghin ewro (€25,842.32), qed tigi wkoll michuda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar l-ewwel talba, u dan ghaliex ladarba giet michuda l-ewwel talba, isegwi li t-tieni talba wkoll ma ghandha ebda bazi u ghalhekk qed tigi michuda.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tilqa' r-risposta tal-intimat u tas-socjetajiet kjamati in kawza biss in kwantu l-istess huma konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti** peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` rikorrenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------